MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) GHAWDEX

## ONOR. IMHALLEF SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili - Ghawdex Numru. 60/2000/1

**Avviz numru 60/2000**

**Saviour sive Sammy Mercieca u Angela Mercieca**

**vs**

**Carmel sive Charlie Galea**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' April, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"*It-Tribunal ,*

*Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :*

*"Illi l-konvenut kien xtara truck Isuzu 2300cc, bil-prezz ta' erbat elef u seba' mitt lira maltija (Lm4700). Il-konvenut*

*kien irrilaxxja cheque ghal dan l-ammont fuq 'Mira Holdings Limited', peress illi l-esponenti kienu ser jixtru vettura gdida minghand dik is-socjeta'. Il-konvenut kien talab 'senserija' ta' Lm100 fuq l-akkwist propost mill-esponenti. Izda meta is-socjeta' Mira Holdings Limited marret sabiex issarraf dan ic-cheque, dan ma giex onorat mill-HSBC; u ghalhekk l-esponenti kienu kostretti ihallsu l-ammont ta' Lm4700 direttament huma lill-Mira Holdings Limited. Sussegwentement, il-konvenut kien qabad u minghajr ebda raguni valida iddeposita l-ammont ta' Lm4,500 fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, u biex tkompli tghaqqad naqqas Lm50 ohra mill-ammont depositat bhala spejjez tac-cedola. Din ic-cedola saret minghajr ma l-ammont gie qabel xejn offrut lill-esponenti u ghalhekk id-depositu kien null. Sabiex jillimitaw l-ispejjez gudizzjarji, u minghar pregudizzju, l-esponenti irtiraw l-ammont ta' Lm4450 mill-Qorti, u qeghdin jitolbu il-hlas tad-differenza minghand il-konvenut."*

*Ra r-risposta li tghid li:*

*(i) L-inkompetenza ta' dan it-Tribunal rationae valoris biex jisma' u jiddecidi din il-kawza;*
*(ii) illi fil-mertu l-ammont allegat mhux dovut u dana peress illi l-ammont zbankat bic-cedola ta' depositu msemmija fl-avviz ghat-talba, thallas ghas-saldu u ghaldaqstant l-attur ma jistax issa jitlob ammont iehor ulterjuri.*

*(iii) illi fil-mertu wkoll l-ammont allegat mhux dovut u dana peress illi l-partijiet ftehmu b'mod differenti min dak allegat fl-avviz.*

*(iv) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.*

*Ra l-verbal li permezz tieghu il-konvenut elabora fuq l-ewwel eccezzjoni tieghu fis-sens li dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jiddeciedi jekk l-isbank ta' cedola ta' depositu jgibx mieghu is-sodisfazzjon tal-kreditu kollu pretiz mill-attur; stante illi dan il-punt legali fih innifsu hu ta' valur indeterminat li jesorbita mill-kompetenza ta' dan it-*

*Tribunal u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jissoprassjedi sakemm jigi deciz mill-Qorti kompetenti dan il-punt legali (ara fol 25 u 26 tal-process) imbaghad l-istess konvenut talab li l-ewwel eccezzjoni tieghu m'ghandhiex tkun eccezzjoni rationae valoris imma li din ghandha taqra eccezzjoni ratione materiae;*

*Sema' l-provi, fela d-dokumenti esibiti u ha konjizzjoni tan-noti ta' osservazzjonijiet u d-dibattitu orali tal-partijiet kontendenti;*

*Ikkunsidra*

*Illi l-kompetenza ta' dan it-tribunal hija mahluqa permezz ta' Artiklu 3 ta' Kap 380 li jghid hekk:*

*3. (1) Ghandu jkun hemm Tribunal li jkun maghruf bhala t- Tribunal ghal Talbiet Zghar.*
*(2) Bla hsara ghas-subartikolu (5), it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira.*

*Illi l-eccezzjoni tal-konvenut fuq imsemmija jidher li hija bbazata fuq artiklu 7(2) tal-istess att li jghid hekk:*

*It-Tribunal ghandu jissospendi l-procedimenti tieghu jekk –*

*a) il-parti tattakka t-talba bil-mezz ta' eccezzjoni, li tinvolvi kwistjoni li taqa' barra mill-gurisdizzjoni tat- Tribunal;*

*Din id-disposizzjoni tal-ligi ssehh zgur meta l-eccezzjoni tattakka l-obbligazzjoni nnifisha mertu tal-kawza, f'liema kaz il-valur jigi determinat mis-somma kollha tal-obbligazzjoni – ara artikli 753 u 754 ta' Kap 12. Tipikament dan isehh fil-kaz ta' eccezzjonijiet rationae valoris. Per ezempju, jekk A jitlob minghand B, il-hlas ta' LM500 bilanc mhux imhallas ta' prezz ta' oggett mibjugh bil-prezz globali ta' LM2,000, u B jecepixxi n-nullita' tal-bejgh minhabba qerq, allura t-Tribunal irid jissoprassjedi*

*sakemm issir kawza biex tattakka l-validita' ta' dak il-bejgh, essendo l-prezz tal-bejgh oghla minn LM1,500 li hija l-limitu tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal.*

*Illi min-naha l-ohra, il-konvenut mhux qieghed jaghmel eccezzjoni rationae valoris, imma qieghed jghid li qed jaghmel l-eccezzjoni rationae materiae. It-Tribunal ma jistax jghid li fil-fatt qieghdha tinghata eccezzjoni ta' din l-ahhar xorta: mhux qieghed jigi eccepit li t-talba f'din il-kawza ma tirrigwardax talba ta' flus. U diment illi t-talba tkun tirrigwarda talba ghal hlas ta' flus, allura t-Tribunal huwa perfettament kompetenti sabiex jiddeciedi l-kwistjonijiet kollha legali li jistghu jinholqu in konnessjoni mat-talba. B'mod partikolari, huwa perfettament kompetenti jiddeciedi jekk il-hlas li sar permezz tac-cedola ta' depozitu jammontax ghal pagament ghas-saldu jew le. Kien ikun possibilment differenti l-kaz kieku giet attakkata l-validita' tac-cedola tad-depozitu ut sic.*

*Illi skond artiklu 1173 tal-Kodici Civili, jekk il-kreditur ma jkunx irid jiehu l-hlas, id-debitur jista', bi spejjez tal-kreditur, jiddepozita s-somma bil-mod li jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; u dan id-depozitu maghmul skond il-ligi jiswa daqs il-hlas. Imbaghad artiklu 1174 jistipula li d-depozitu m'ghandux l-effetti msemmijin f'art 1173 jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida. B'applikazzjoni ta' dan l-artiklu, il-Qorti, f' Camilleri et vs Caruana Soler et. (Vol 49D Part 2 pag. 878 – 27/4/1965) irriteniet illi biex depositu gudizzjarju jkun validu irid jigi precedut minn offerta tas-somma kollha dovuta, minn rifjut ta' l-istess offerta u minn depositu a favur tal-kredituri kollha u mhux uhud minnhom biss.*

*Illi ma hemmx dubbju li ma saret ebda offerta f'dan is-sens: u dan mhux biss ikkonfermah l-attur, li qal li l-konvenut qatt m'offrielu hlas (fol 55 tal-process), imma sahansitra l-konvenut innifsu li qal li lil Sammy qatt m'offrejt LM4,500. Offrejthom lil Brian ghan-nom ta' Mira (fol 20 tal-process). Ovvjament kwalunkwe offerta li setghet saret lil Mira Motors m'ghandhiex rilevanza ghax din is-socjeta' ma gietx ikkjamata fil-kawza. Ghalhekk, billi ex admissis ma saret l-ebda offerta valida mill-*

*konvenut lill-attur, wisq inqas seta' d-depozitu jkollu l-effett ta' pagament, u inqas u inqas jista' jinghad li kien hemm pagament ghas-saldu.*

*Illi fil-kaz Apap vs Galea – Appell Kummercjali – LXX.ii.390 (26/11/1986), il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza ta' l-ewwel Qorti li rriteniet illi accettazzjoni ta' cheque b'kondizzjoni espressa fih illi kien jikkostitwixxi pagament ghas-saldu kien jipprekludi kwalunkwe pretensjoni ohra ghall-hlas. F'dan il-kaz, il-pagatur kien ghamilha cara illi 'the attached cheque for Lm150 is in full and final settlement of all monies due to you from us'. Fil-kaz prezenti ma kien hemm ebda dikjarazzjoni f'dan is-sens fic-cedola tad-depositu, u ghalhekk, a contrario senso ma jista' jigi qatt eccepit illi dak kien hlas ghas-saldu. Mill-provi jirrizulta bl-iktar mod car li l-flus iddepozitati mill-konvenut gew zbankati mill-konvenut sabiex jimminimizza l-ispejjez u ma jkunx kostrett jaghmel kawza fuq l-ammont intier. Zgur li hadd m'ghandu jigi ppenalizzat u ppregudikat talli jaghmel l-almu tieghu biex jigu mminimizzati l-ispejjez gudizzjarji u ma jghabbix il-Qrati ordinarji b'litigji fuq ammonti zghar li jistghu u ghandhom jinqatghu sommarjament u bi spejjez mill-inqas. Wara kollox, dan ikun ta' beneficcju anke ghall-konvenut jekk dan ikun il-parti t-telliefa.*

*Illi l-anqas ma hemm dubbju illi l-konvenut qatt ma ppretenda li l-attur kellu jhallsu s-senserija, tant li hallsu s-somma shiha ta' LM4,700 permezz tac-cekk, bl-iskop li bil-mohbi tal-klijent tieghu, mbaghad dan ic-cekk ma jonorahx u jhallas LM4,500 cash lil Mira Motors.*

*Illi dan apparti l-fatt li l-konvenut m'ghandu l-ebda jedd ghal senserija, ghax in-negozju ta' part –exchange ma sehhx, la direttament (ghax Mira Motors ma ridux ikollhom x'jaqsmu mal-konvenut) u l-anqas indirettament (ghax l-agent Malti ta' Mira Motors, Regina Auto Dealer, li permezz tieghu il-konvenut ipprova jimmanuvra sabiex jakkwista t-trakk il-gdid, accetta ma' Mira Motors li ma kellux x'jaqsam man-negozju li l-attur kien qieghed jaghmel mal-istess Mira Motors.*

*Illi ma hemmx dubbju illi l-ftehim originali ta' part exchange gie mhassar ghax ma setax ikollu effett, tant illi l-konvenut, li sadanittant lahaq biegh it-trakk tal-attur, kien lest illi jhallas is-somma ta' LM4,700 lill-attur direttament, u cash. Kienet haga incidentali, u ghall-konvenjenza tal-attur, li l-konvenut hareg cekk favur Mira Motors, u cioe' sabiex dan ma joqghodx jigri bil-flus kontanti minn Ghawdex ghal Malta.*

*Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba tal-attur, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma ta' LM250 dovuta ghar-ragunijiet dedotti fl-avviz tat-talba bl-imghax legali b'effett mis-26 ta' Lulju 2000 sad-data tal-hlas effettiv bl-ispejjez kontra l-konvenut.*"

Minn din is-sentenza appella l-konvenut bis-segwenti aggravji:-

(i) L-inkompetenza tat-tribunal adit biex jisma' u jiddeciedi l-kawza.

(ii) Fil-meritu, l-konkluzjonijiet tal-istess Tribunal kienu zbaljati (a) dwar il-portata tac-Cedola ta' Depozitu u l-izbank taghha, (b) dwar in-negozju guridiku bejnu u l-atturi appellati, (c) dwar il-pretensjoni tieghu ghad-dritt tal-hlas tal-kumpens.

Huwa logiku li fl-ewwel lok il-Qorti trid tinvesti u tiddeciedi l-aggravju procedurali ghaliex jekk jirrizulta sostenut il-konsegwenza ovvja tkun li l-meritu ma jkunx jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal li ta d-decizjoni issa attakkata u din allura jkollha tigi dikjarata nulla.

L-inkompetenza eccepita mill-appellanti hi dik "ratione valoris". Fil-verbal tas-16 ta' Jannar 2001 hu jispjega illi l-inkompetenza tissussisti billi l-punt legali involut relattiv ghall-izbank tac-cedola ta' depozitu u s-sodisfazzjoni tal-kreditu hu ta' valur indeterminat. Ergo, dan jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Li jfisser dejjem skond l-

appellant, illi t-Tribunal htieglu jissoprassjedi sakemm din il-materja tigi deciza mill-qorti kompetenti.

Ghalkemm il-kwistjoni involuta kienet thalliet ghad-decizjoni (verbal a fol 26) jidher li minflok sar hekk, il-kawza tkompliet ghas-smiegh fil-meritu (verbal a fol 32).

Fis-sentenza tieghu t-Tribunal irraguna b’dan il-mod. Gjaladarba l-materja kienet tirrigwarda talba ta’ hlas ta’ flus, kif hekk jistipula l-Art 3 tal-Att V ta’ l-1995 allura t-Tribunal huwa perfettament kompetenti sabiex jiddeciedi l-kwistjonijiet kollha legali li jistghu jinholqu in konnessjoni mat-talba. Fuq din il-preposizzjoni, imbaghad, it-Tribunal argina l-hsieb kollu tieghu. Inter alia, jekk saritx offerta valida qabel id-depozitu, jekk id-depozitu kellux l-effett ta’ pagament, u ta’ hlas ghas-saldu, l-gustifikazzjoni l-ghala sar l-izbank u l-jedd, o meno, tal-konvenut ghall-hlas tal-kummissjoni jew senserija. F’dan l-ezercizzju t-Tribunal htieglu jindaga l-elementi tal-ftehim u cioe jekk kienx hemm ‘part exchange’, jekk dan thassarx, u r-raguni tal-hlas b’cheque lil Mira Motors minflok lill-atturi.

Ma jistax ikun hemm dubju illi filwaqt li hu rikonoxxut li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar hu konferit mil-ligi, ex Artikolu 3 (2) tal-Kap 380, gurisdizzjoni li jisma’ u jiddeciedi t-talbiet kollha ta’ flus ta’ mhux anqas minn mitejn u hamsin Lira Maltija (Lm250) awmentata fil-kors tal-proceduri bl-Att VI ta’ l-2001 ghal elf u hames mitt Lira Maltija (Lm1500), eppure meta jkun rinfacjat b’eccezzjoni li l-ammont reklamat mhuwiex dovut hu jkun jehtieglu jinvesti materja li tmur oltre l-kompetenza tieghu.

Huwa veru li l-Art 780 tal-Kap 12 jipprovdi li l-valur tal-oggett tal-kawza hu determinat mit-talba meta (a) it-talba hija ghal hlas ta’ somma determinata. Dan il-principju tal-ligi ma jfissirx li hu dejjem hekk applikat fir-rigorozita shiha tieghu. Dan ghaliex id-dottrina procedurali tirrikonoxxi sitwazzjonijiet fejn il-kompetenza ma tiddependix mid-domanda biss, imma anke mill-eccezzjoni. Din hi prassi forensika pjuttost komuni, kif ravvizat minn dawn l-ezemplari: “**Oscar Busuttil noe –vs- Giuseppe Camilleri noe**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 2 ta’ Gunju 1952;

"**Margherita Rizzo –vs- Edgar Zahra**", Appell, Sede Inferjuri, 10 ta' Jannar 1953; "**Maria Grazia Pullicino et –vs- Assuero Ellul**", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Ottubru 1966.

"*Dan jista' jigri billi l-Qorti tigi necessarjament mitluba bhala konsegwenza tal-eccezzjoni moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika t-talba quddiemha li tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti li jeccedu l-kompetenza taghha*" – "**Anthony Zammit –vs- Joseph Ellul noe**", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju, 1996.

Fil-kaz hawn trattat l-obbligazzjoni tal-konvenut, kif hekk del resto gie esplorat u dibattut mit-Tribunal, ma kenitx izolata u limitata biss ghal bilanc reklamat mill-atturi imma l-kwistjoni kellha ta' bilfors, "ope exceptionis", tigi deciza fl-isfond tan-negozju intier. Li jfisser li n-negozju kollu u l-ammont kollu tan-negozju guridiku intervenut bejn il-partijiet kien jehtieg jigi approfondit u mhux il-bilanc biss li l-atturi dehrilhom li kien ghadu dovut. "*Dan ghalhekk ifisser illi l-kontestazzjoni kienet tezorbita mill-kompetenza guridika assenjata bil-ligi lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar*" ("**Antonia Attard Gialanze –vs- Rita Borg**", Appell, 23 ta' Frar 2001; "**Joseph Cassar –vs- Air Malta Co. Ltd.**", Appell, 22 ta' Novembru 1996).

Hu proprju b'dan in mira li l-Artikolu 7 (2) tal-Kap 380 jenuncja l-principju illi t-Tribunal ghandu jissospendi l-procedimenti tieghu jekk (a) il-parti tattakka t-talba bil-mezz tal-eccezzjoni li tinvolvi kwistjoni li taqa' barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

Ghad-determinazzjoni tal-vertenza jirrizulta kjarament illi t-tribunal intrometta ruhu fl-ezami shih tal-kontrattazzjoni biex jiddelibera dwar il-punt procedurali mqanqal, u ghalhekk jista' jinghad li investa materji li joltrepassaw il-kompetenza limitata tieghu.

Huwa veru li t-Tribunal adit irrigwarda l-kwistjoni mil-lat ta' l-ekonomija tal-gudizzju u l-principju ta' l-ekwita`, substrat tal-mod espress mill-istess ligi ta' kif ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba (Art 7 (1)). Ciononostante pero' t-

Tribunal ma kellu l-ebda dritt, anke jekk abbazi ta' l-ekwita`, li jissorvola l-applikazzjoni tal-ligi ghall-meritu.

Kif gie ritenut fid-decizjoni "**The Performing Right Society Ltd –vs- Reno Fenech**", deciza fit-3 ta' Dicembru, 1999:-

"*L-idea jew il-kuncett illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar jiddeciedi l-vertenzi devoluti lilu fuq bazi ta' ekwita` ma jfisserx li dik il-parti, tkun min tkun, tkun akkwistat bhala dritt, ghandu jigi negat lilha minhabba konsiderazzjonijiet mhux ta' natura legali li, fil-fehma tal-gudikant, ikunu konsiderazzjonijiet ta' ekwita`. L-ekwita` minnha nnifisha trid li ssir gustizzja u jekk ikun jiskaturixxi dritt li jiskaturixxi minn obbligazzjoni assunta legalment u li tirrizulta jew minn xi disposizzjoni kontrattwali regolarment konvenuta u accettata bejn il-kontendenti, l-ekwita` trid illi dik id-disposizzjoni, dik l-obbligazzjoni mhux biss tigi onorata, imma tigi protetta mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, li wara kollox qieghed hemm biex jaghmel gustizzja. Ikun l-akbar kontro-sens li jinghad illi minhabba konsiderazzjonijiet ohra, li fil-fehma tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikunu importanti, drittijiet legali jigu skartati u addirittura injorati u negati meta huwa evidenti illi dan ma jkun xejn hlief illegalita' li minnha nnifisha ma hiex konfacenti u kompatibbli mal-kuncett ta' l-ekwita`.*"

Fl-istess sens id-decizjoni "**The Performing Right Society Ltd –vs- Carmelo Calleja**", Appell, 4 ta' Marzu 1996.

Konsiderati c-cirkostanzi kien ikun tabilhaqq aktar prattikabbli ghall-istess Tribunal kieku r-rikjesta li saritlu ghas-soprasessjoni giet akkolta bl-imposizzjoni ta' terminu lill-konvenut ghal proponiment ta' l-azzjoni quddiem qorti kompetenti.

Issa l-Artikolu 8 (3) jipprovdi li fejn Qorti ta' l-Appell taqta' li l-appell ikun fondat u gustifikat, kif hekk inhu l-kaz in ispecie, din ghandha imbaghad thassar id-decizjoni tat-Tribunal u hi stess taqta' t-talba u l-kontro-talba originali

skond kif dispost fl-Artikolu 7. Din il-Qorti ghalhekk ser tagixxi konfermement ma’ din l-enuncjazzjoni tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara illi d-decizjoni tat-Tribunal tad-19 ta’ April 2002 kienet irrita u nulla, in kwantu l-meritu, fl-ambitu ta’ l-eccezzjoni moghtija kien jezorbita mill-kompetenza tieghu, tilqa’ l-appell interpost mill-konvenut b’dan li qed timponilu xahar zmien biex jipproponi l-azzjoni opportuna, tiddiferixxi l-kawza ‘sine die’ proponibbli b’rikors minn xi parti wara li tkun finalment giet deciza mill-qorti kompetenti l-kawza li ghandu jipproponi l-konvenut fiz-zmien lilu moghti, jew f’kaz li jaghzel li hekk ma jaghmelx, appena jiskadi dak l-istess terminu inutilment.

Qed jigi dikjarat illi l-provvediment moghti mit-Tribunal fid-decizjoni appellata ma ghandux jiddekorri. L-ispejjez ta’ dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dep/Reg
cb